MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2005

Citazzjoni Numru. 16/2003

Speranza mart Karlu Borg f'isimha u bħala mandatarja ta' ħutha imsefrin Salvatore sive Sam Spiteri, u Emanuel Spiteri ;

Edward u Filomena konjugi Spiteri ;
Gorg Spiteri f'ismu u bħala mandatarju ta' oħtu imsiefra Rose mart Frank Tabone, u żewġha Frank Tabone ghal kull interess li jista' jkollu ; kif ukoll għan-nom ta'siefer Gregory Spiteri ; u

Margaret mart l-istess Gregory Spiteri għal kull interess li jista' jkollha ; u

Teresa mart l-istess George Spiteri .

VS

Anthony Spiteri u Margerita mart l-istess Anthony Spiteri għal kull interess li jista' jkollu bħala komparteċipi fil-komunjoni tal-akkwisti ma' żewġha ;

Michael Spiteri u Teresa mart l-istess Michael Spiteri għal kull interess li jista' jkollu bħala komparteċipi fil-komunjoni tal-akkwisti ma' żewġha ;

Mary Portelli u Francis ir-raġel tal-istess Mary Portelli għal kull interess li jista jkollu bħala komparteċipi fil-komunjoni tal-akkwisti ma' martu;

Joseph Spiteri u Rosaria mart l-istess Joseph Spiteri għal kull interess li jista' jkollu bħala komparteċipi fil-komunjoni tal-akkwisti ma' żewġha .

Il-Qorti ,

Rat iċ-ċitazzjoni, kif ikkoreġuta bid-digriet tagħha tat-23 ta' Mejju 2003, li permezz tagħha l-atturi proprio et nomine, wara li ppremettew :

Illi Giusepp Spiteri ġia armel ta' Carmena nee' Gambin, bin il-mejtin Antonio Spiteri u Francesca nee' Tabone miet f'Victoria, Għawdex fit-tmienja (8) ta' Settembru elfejn u tnejn (2002) ;

Illi Carmena Spiteri, mart l-istess Giusepp Spiteri, bint Giusepp Gambin u Maria Rosa nee' Cauchi, imwielda Kercem, mietet fl-ghoxrin (20) ta' Frar elf disa' mija erbgħa u disgħin (1994) ;

Illi l-konjuġi Cauchi kellhom ħdax-il tifel u tifla u ċjoe' Rose Tabone, Anthony Spiteri, Michael Spiteri, Joseph Spiteri, Mary Portelli, Gregory Spiteri, George Spiteri, Edward Spiteri, Speranza Borg, Salvatore sive Sam Spiteri, u Emanuel Spiteri ilkoll kontendenti f'din il-kawza ;

Illi Giusepp u Carmela Spiteri rredeġew testment unika karta fl-atti tan-Nutar Paul George Pisani tas-17 ta' Settembru 1990, fejn *inter alia* ħallew il-leġittima spettanti lilhom skond il-liġi lill-atturi Emanuel, Salvu sive Sam u Speranza mart Carmelo Borg, u imbagħad innominaw bħala eredi universali tagħhom lit-tmien uliedhom l-oħra ;

Illi inoltre b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Paul George Pisani tas-sbatax (17) ta' Settembru elf disa' mija u disgħin (1990) il-konjugi Spiteri biegħu u trasferew lit-tmien uliedhom Rose Tabone, Anthony Spiteri, Michael Spiteri, Joseph Spiteri, Mary Portelli, Gregory Spiteri, George Spiteri, Edward Spiteri, il-fond numru sebgħa u għoxrin (27) f'Saint Paul's Fief Street, Kercem, kif ukoll biċċa raba msejħa "Ta' Ciangura" fil-limiti ta' Kercem, tal-kejl ta' ċirka mija u tmienja u tmenin metri kwadri (188m.k.) u konfinanti min-nofsinhar ma' Saint Paul's Fief Street, punent u lvant mal-aventi kawża ta' Francis Attard, u dan bil-prezz komplessiv ta' għaxart elef lira maltija (Lm10,000) li minnhom tħallsu elfejn lira maltija (Lm2,000) fuq il-kuntratt, u l-bilanċ kellu jitħallas fi żmien ħames snin mill-kuntratt mingħajr imgħax ;

Illi l-attriċi Speranza Borg proprio et nomine tħoss illi l-prezz dikjarat fuq dak il-kuntratt ta' bejgħ kien wieħed baxx ħafna u rriżorju għaliex fid-data tal-kuntratt il-fondi mibjugħa kellhom valur ferm ogħla minn dak dikjarat; u għalhekk si trattava minn donazzjoni moħbija lit-tmint ulied li bbenefikaw minn dak il-kuntratt ;

Illi għaldaqstant, trattandosi minn azzjoni *familiae erciscundae* l-esponenti tixtieq illi d-differenza fil-valur dikjarat u dak veru tal-fondi mibjugħa dak inhar tal-kuntratt tiġi komputata mill-ulied illi bbenefikaw minn din id-donazzjoni moħbija fil-wirt tal-ġenituri tagħhom ;

Illi inoltre Edward Spiteri u martu Filomena Spiteri jippretendu illi huma għandhom jitħallsu mingħand il-wirt ta' missierhom is-somma ta' ħamest elef lira maltija (Lm5,000) dovuta lilhom bi ħlas tas-serviġi kuri u assistenzi reżi minnhom lil Giuzepp Spiteri matul l-aħħar snin ta' ħajtu ;

Illi din is-somma ġiet saħansitra rikonoxxuta bħala dovuta minnu mill-istess Giusepp Spiteri bis-saħħa ta' skrittura tat-tnax (12) ta' Diċembru elf disa' mija disgħa u disgħin (1999) ;

Illi l-atturi jridu illi tiġi likwidata u diviża l-eredita' tal-ġenituri tagħhom, wara li ssir il-komputazzjoni u imputazzjoni kif fuq mitlub u wara li jitħallas id-debitu favur il-konjuġi Edward u Filomena Spiteri .

Illi finalment Edward u Filomena Spiteri, George u Teresa Spiteri, Gregory u Margaret Spiteri, Rose u Frank Tabone ma jridux jibqgħu fi stat ta' komunjoni tal-fondi akkwistati minnhom flimkien mal-konvenuti bis-saħħa tal-kuntratt tas-17 ta' Settembru, 1990 .

Talbu lill-konvenuti jgħidu għaliex m'għandhiex din il-Qorti :

1. Tiddikjara u tistabilixxi, okkorrendo ad opera ta' perit nominand, il-valur reali tal-fond numru sebgħa u għoxrin (27) f'Saint Paul's Fief Street, Kercem, kif ukoll biċċa raba msejħa "Ta' Giangura" fil-limiti ta' Kercem, tal-kejl ta' ċirka mija u tmienja u tmenin metri kwadri (188 m.k.) u konfinanti min-nofsinhar ma' Saint Paul's Fief Street, punent u lvant mal-aventi kawża ta' Francis Attard, dakinhar tal-kuntratt tas-17 ta' Settembru, 1990 ;

2. Konsegwentement tiddikjara illi d-differenza fil-valur reali hekk stabbilit u l-valur ta' Lm10,000 dikjarat fuq l-imsemmi kuntratt jikkostitwixxi donazzjoni moħbija minn Giusepp u Carmen Spiteri lit-tmien ulied tagħhom illi bbenefikaw minn dak il-kuntratt, u ċjoe' Rose Tabone, Anthony Spiteri, Michael Spiteri, Joseph Spiteri, Mary Portelli, Gregory Spiteri, George Spiteri, Edward Spiteri ;

3. Konsegwentement tordna lil dawn l-ulied imsemmija sabiex jikkomputaw u jimputaw il-valur ta' din id-donazzjoni fl-assi ereditarji tal-ġenituri tagħhom;

4. Tiddikjara illi l-assi tal-mejjet Giusepp Spiteri huma debituri fil-konfront ta' Edward u Filomena Spiteri fis-somma ta' ħamest elef lira maltija (Lm5,000) jew kwalsiasi somma verjuri illi tista' tiġi likwidata minn din l-Onorabbli Qorti rappreżentanti kumpens dovut lilhom

għal serviġi kuri u assistenzi reżi minn Edward u Filomena Spiteri lill-imsemmi Giusepp Spiteri ;

5. Tordna l-ħlas tas-somma hekk likwidata mill-assi ereditarji ta' Giusepp Spiteri lil Edward u Filomena Spiteri ;

6. Tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti ġia eżistenti bejn Giusepp u Carmena Spiteri billi tiddikjara illi tikkonsisti f'dawk l-assi u debiti illi jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża, meħud in konsierazzjoni anke t-talbiet preċedenti f'din iċ-ċitazzjoni ;

7. Taqsam din il-komunjoni tal-akkwisti f'żewġ porzjonijiet ugwali illi jiġu assenjati waħda lill-assi partikolari ta' Giusepp Spiteri, u l-oħra lill-assi partikolari ta' Carmena Spiteri ;

8. Tillikwida l-assi partikolari ta' Giusepp Spiteri billi tiddikjara illi jikkonsistu f'nofs il-komunjoni tal-akkwisti likwidata kif hawn fuq mitlub, u f'dawk l-assi u debiti partikolari ulterjuri illi jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża, meħud in konsiderazzjoni anke t-talbiet preċedenti;

9. a. tillikwida l-leġittima spettanti lill-atturi Salvu sive Sam, Speranza mart Carmelo Borg u Emanuel Spiteri fuq il-wirt ta' missierhom ;

b. tordna l-ħlas tal-leġittima spettanti lill-imsemmija Salvu sive Sam, Speranza mart Carmelo Borg u Emanuel Spiteri fuq il-wirt ta' missierhom;

c. tiddividi l-kumplament ta' l-assi partikolari ta' Giusepp Spiteri fi tmien porzjonijiet ugwali li jiġu assenjati waħda kull wiehed u waħda mit-tmien ulied l-oħra tad-decujus, preċiżament Anthony Spiteri, Michael Spiteri, Mary Portelli, Joseph Spiteri, Edward Spiteri, Rose Tabone, Gregory Spiteri, u George Spiteri ;

10. Tillikwida l-assi partikolari ta' Carmena Spiteri billi tiddikjara illi jikkonsistu f'nofs il-komunjoni tal-

akkwisti likwidata kif hawn fuq mitlub, u f'dawk l-assi u debiti partikolari ulterjuri illi jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża, meħud in konsiderazzjoni anke t-talbiet precedenti ;

11. a. tillikwida l-leġittima spettanti lill-atturi Salvu sive Sam, Speranza mart Carmelo Borg u Emanuel Spiteri fuq il-wirt ta' ommhom Carmela Spiteri ;

b. tordna l-ħlas tal-leġittima spettanti lill-imsemmija Salvu sive Sam, Speranza mart Carmelo Borg u Emanuel Spiteri fuq il-wirt ta' ommhom ;

c. Tiddividi l-kumplament ta' l-assi partikolari ta' Carmela Spiteri fi tmien porzjonijiet ugwali li jiġu assenjati waħda kull wieħed u waħda mit-tmien ulied l-oħra tad-decujus, preċiżament Anthony Spiteri, Michael Spiteri, Mary Portelli, Joseph Spiteri, Edward Spiteri, Rose Tabone, Gergory Spiteri, u George Spiteri ;

12. Tinnomina Nutar pubbliku sabiex jippubblika l-opportun kuntratt ta' divizjoni f'jum ħin u lok illi jiġu għalhekk iffissati, u taħtar kuraturi sabiex jirrappreżentaw lill-eventwali kontumaci sabiex jirrappreżentaw lill-eventwali kontumaċi fuq dak l-istess att ;

13. fil-każ illi jiġi dikjarat illi l-assi ereditarji ma humiex komodament diviżibbli bejn il-kontendenti tordna l-liċitazzjoni ta' dawk l-assi, bl-ammissjoni ta' oblaturi estranei, sabiex ir-rikavat jiġi perċepit bejn il-kontendenti fil-kwoti spettanti lilhom ;

14. Finalment tordna l-liċitazzjoni tal-fond numru sebgħa u għoxrin (27) f'Saint Paul's Fief Street, Kercem, kif ukoll biċċa raba msejħa "Ta' Giangura" fil-limiti ta' Kercem, tal-kejl ta' ċirka mija u tmienja u tmenin metri kwadri (188 m.k.) u konfinanti minn nofsinhar ma' Saint Paul's Fief Street, punent u lvant mal-aventi kawża ta' Francis Attard bl-ammissjoni ta' oblaturi estranei sabiex ir-rikavat minn dan il-bejgħ, wara li eventwalment jiġu komputati u imputati kwalsiasi ammonti illi jirriżultaw in esekuzzjoni tal-ewwel, it-tieni u t-tielet talba ta' din iċ-

ċitazzjoni, jiġi diviż bejn it-tmien ulied akkwirenti fuq il-kuntratt tas-17 ta' Settembru 1990 u r-rispettivi żwieġhom jew in-nisa tagħhom .

Bl-ispejjez, u bl-inġunzjoni għas-subizzjoni illi għaliha minn issa huma nġunti .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-atturi proprio et nomine maħlufa minn Speranza Borg u Edward Spiteri .

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti li eċċepew illi :

1. It-talbiet huma infondati fid-dritt u fil-fatt u fid-dritt peress li l-ġenituri tal-partijiet ma mietux bla testment, anzi għamlu diversi testmenti, u l-wirt tagħhom għandu jiġi regolat skond l-istess testmenti ;

2. Illi l-bejgħ tal-fondi msemmija fiċ-ċitazzjoni lill-konvenuti mill-ġenituri kien wieħed reali, u bl-ebda mod ma hemm premessi jew talba li kien hemm simulazzjoni ;

3. Illi bl-azzjonijiet li għamlet Speranza Borg u l-aħwa l-oħra li tħallilhom biss legat in sostituzzjoni tal-leġittima, bl-azzjoni li għamlu issa wettqu att ta' eredi, u għalhekk illum ma jistgħux jirrinunzjaw għall-effetti tat-testmenti tal-ġenituri, li fost oħrajn jiddisponu li l-eredi kienu eżenti mill-obbligu tal-kollazzjoni ta' dak li rċevew f'ħajjithom, u għalhekk bl-ebda mod u ma jista' jiġi inficjat il-kuntratt jew parti minnu ;

4. Illi t-talba dwar il-liċitazzjoni hija rrita u nulli stante li tidher li qed issir ukoll minn persuni (atturi) li huma estraneji għall-komproprjeta' tal-fondi li qed tintalab il-liċitazzjoni tagħhom ;

5. Illi l-konvenuti qegħdin jikkontestaw it-talbiet ta' Edward u Filomena Spiteri għal ħlas tal-ammont ta' ħamest elef lira (Lm5,000) u dana peress illi jekk illi l-konjuġi Spiteri rrendew xi serviġi, kuri u assistenzi lill-mejjet Giusepp Spiteri dawna kienu ta' entita' u importanza zgħira u saru 'pietatis vel familiaritis causa' u

mingħajr animu ta' kumpensa . Illi fi kwalunkwe każ ukoll, il-konvenuti Anthony u Margerita Spiteri rrendewlu diversi serviġi, kuri u assistenzi lill-istess Giusepp Spiteri u ta' dawna huma qatt ma ġew ikkumpensati .

Salvi eċċezzjonijiet oħra fid-dritt u fil-fatt .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenuti debitament ġuramentata minn Anthony Spiteri .

Rat il-verbal tagħha ta' l-24 ta' Ġunju 2005 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza *in parte* fuq ir-raba' eċċezzjoni tal-konvenuti .

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet rispettivi tal-kontendenti dwar din l-eċċezzjoni .

Rat in-nota ta' l-attur Edward Spiteri tal-5 ta' Lulju 2005, li biha ċeda l-kawża, (naturalment safejn it-talbiet jolqtu l-interessi tiegħu) .

Rat l-atti l-oħra tal-kawża .

Ikkunsidrat :

Illi b'din l-eċċezzjoni l-konvenuti qed jikkontendu illi t-talba dwar il-liċitazzjoni kif proposta fiċ-ċitazzjoni hija rita u nulla għax "*tidher li qed issir ukoll minn persuni (atturi) li huma estraneji għall-komproprjeta' tal-fondi li qed tintalab il-liċitazzjoni tagħhom*" . Minn dak li ġie premess fiċ-ċitazzjoni u mid-dokumenti esebiti,[1] jirriżulta illi l-atturi qed jitolbu *inter alia* l-liċitazzjoni ta' żewġ fondi li minnhom l-atturi Speranza mart Karlu Borg, Salvatore sive Sam Spiteri u Emanuel Spiteri m'għandhom l-ebda sehem, billi ma kienux parti f'dak l-att ta' bejgħ . Jirriżulta wkoll illi l-istess tliet atturi qegħdin jitolbu biss il-leġittima mill-wirt tal-ġenituri tagħhom u għalhekk, billi mhumiex kondividenti, qatt ma jistgħu jitolbu ebda liċitazzjoni. Żgur għalhekk illi dawn l-atturi m'għandhomx interess ġuridiku jipproponu

[1] Dok. D anness maċ-ċitazzjoni, li huwa kopja ta' kuntratt ta' bejgħ fl-atti tan-Nutar Paul G. Pisani tas-17.9.1 990 .

din it-talba għall-liċitazzjoni flimkien ma' l-atturi l-oħra, u għalhekk din l-eċċezzjoni hija ġustifikata u timmerita li tiġi milqugħa .

L-istess eċċezzjoni tolqot pero' uħud biss mit-talbiet proposti u ma tirrendix iċ-ċitazzjoni kollha nulla . Imma f'din iċ-ċitazzjoni jeżistu diversi rregolaritajiet oħra, li għalkemm ma ġewx imqajjma b'mod formali *in via di eccezzione* mill-konvenuti, jirrendu l-kawża kollha improponibbli u konsegwentement nulla . Fiċ-ċitazzjoni odjerna, kif proposta, insibu diversi talbiet u ċioe' :

1. talba għall-likwidazzjoni u ħlas tal-leġittima dovuta lilhom mill-wirt tal-ġenituri tagħhom da parti ta' l-atturi Speranza Borg, Salvatore Spiterti u Emanuel Spiteri ;

2. talba għall-likwidazzjoni u diviżjoni ta' l-istess wirt da parti ta' l-atturi l-oħra ;

3. talba sabiex biegħ ta' xi fondi mill-ġenituri tagħhom lil uħud mill-kontendenti jiġi dikjarat bħala donazzjoni simulata; u

4. talba għall-ħlas ta' kumpens għal serviġi allegatament resi mill-attriċi Filomena Spiteri .

Irid jingħad illi din il-kawża oriġinarjament bdiet bħala kawża normali għad-diviżjoni ta' beni ereditarji ipposeduti in komun, u għaldaqstant bħala l-hekk imsejjħa *actio familiae erciscunde,* ma kien hemm xejn ħazin illi fl-istess kawża isiru t-talbiet kollha relattivi għall-wirt li tiegħu kien qed jintalab il-qsim . Ġara' pero' illi fil-kors tas-smiegħ tal-kawża rriżulta illi, kuntrarjament għal dak li kien ġie premess fiċ-ċitazzjoni, il-ġenituri tal-kontendenti ma kienux mietu intestati . Għħlhekk, fi sforz sabiex tiġi salvata l-kawża, l-atturi ħteġilhom jitolbu li jsiru l-korrezzjonijiet meħtieġa . Fin-nuqqas ta' oppożizzjoni da parti tal-konvenuti, saru diversi korrezzjonijiet kif indikati

mill-atturi[2] . Imma dawn, flok ma solvew id-diffikultajiet li kienu nqalgħu, iżjed ikkomplikawhom . Dan għaliex :

(a) tlieta mill-atturi spiċċaw leġittimarji u għalhekk sa fejn jirrigwarda lilhom, kif ġia ntqal, żgur li dawn ma kellhom ebda interess jidħlu ma' l-atturi l-oħra biex jipproponu talbiet għall-liċitazzjoni li ma jikkonċernawhomx ;

(b) l-interessi ta' uħud mill-atturi huma differenti minn ta' l-oħrajn, u dan għaliex għandna leġittimarji u eredi fl-istess naħa, mentri l-azzjoni tal-leġittimarji kellha tkun diretta kontra l-eredi kollha ;

(c) terġa' uħud mill-atturi, u ċioe' Gorg Spiteri, Rose Tabone u Gregory Spiteri għandhom interessi konfliġġenti, għaliex bħala atturi qegħdin, flimkien ma' l-atturi l-oħra, jitolbu *inter alia* d-dikjarazzjoni illi bejgħ ta' żewġ fondi li kien sar lilhom stess u lill-konvenuti mill-ġenituri tagħhom, kien donazzjoni simulata ;

(d) hekk ukoll it-talba ta' l-attriċi Filomena Spiteri għall-ħlas tal-kumpens allegatament dovut lilha għas-serviġi resi lid-decujus Giuseppe Spiteri, tmur kontra l-interessi sew ta' l-atturi leġittimarji, kif ukoll dawk ta' l-atturi l-oħra bħala eredi .

F'tali ċirkostanzi fejn il-Qorti ma tistax tipproċedi biex tieħu konjizzjoni ta' dawn it-talbiet, b'interessi konfliġġenti bejn l-istess atturi, ma jibqagħalha ebda għażla ħlief illi tiddikjara ċ-ċitazzjoni kif intavolata improponibbli u konsegwentement nulla .

Għal dawn il-motivi, tiddeċidi l-kawża billi tilqa' din ir-raba eċċezzjoni tal-konvenuti u tiddikjara ċ-ċitazzjoni nulla, bl-ispejjeż kontra l-atturi, salv u impreġudikati pero' d-drittijiet kollha talvolta spettanti lilhom skond il-liġi .

[2] a fol. 52 tal-process .

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------